



Brussell, 25 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0196(COD)

8851/21
ADD 1 REV 1

CODEC 710
SOC 282
PECHE 157
CADREFIN 246
JAI 558
SAN 299
COH 6

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Il-proċedura lejn l-adozzjoni tar-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni laħqet pass importanti ieħor. L-Ungerija tqis li jenħtieġ li ttenni d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha dwar ir-rappreżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ġeneru f'dawn ir-regolamenti.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fi ħdan il-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-sess, f'konformità mal-Artikolu 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Ungerija hija konvinta li l-kontenut tal-ġeneru mhuwiex adatt biex jiġi definit f'dawn id-dokumenti leġiżlattivi.

F'konformità ma' dan u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa" fir-Regolamenti. Fir-rigward tal-analiżi tad-data, l-Ungerija temmen li l-ewwel linja tal-Anness I u l-Anness II għar-Regolament FSE+ (kif ukoll in-nota 27 f'qiegħ il-paġna fl-Anness III għar-Regolament dwar il-JTF) jenħtieġ li tiġi applikata u tirreferi għat-terminu "ġeneru" u l-parentesi fl-intier tagħha u mhux biss waħda mis-subkategoriji elenkati hemmhekk.

B'kont meħud tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-premessi, l-artikoli, l-annessi u n-noti f'qiegħ il-paġna rilevanti għandhom jinftiehem bħala li jirreferu għat-terminu ġeneru interpretat f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Dikjarazzjoni minn Malta

Malta tilqa' l-adozzjoni formali tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK).

Madankollu Malta jiddispija li l-investimenti fl-infrastruttura relatata mat-toroq huma assenjati koeffiċjent ta' zero kontribuzzjoni għall-klima u ma jingħatawx ponderazzjoni simili għat-trasport ferrovjarju. Din is-sitwazzjoni inevitabbilment ser tpoġġi fi żvantaġġ lill-Istati Membri mingħajr il-possibbiltà ta' sistema ta' trasport ferrovjarju.

Peress li hija Stat Membru li huwa gżira żgħira bl-ebda possibbiltà ta' linji ferrovjarji u fejn is-sistemi tat-trasport tal-massa mhumix fattibbli, it-titjib tat-toroq huwa meħtieġ għal Malta bl-istess mod li huma meħtieġa investimenti fil-linji ferrovjarji għal dawk l-Istati Membri li ser itejbu s-sehem tagħhom tat-trasport ferrovjarju. Malta tfakkar li ċ-ċirkostanzi nazzjonali uniċi tagħha u l-potenzjal limitat tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jagħmlu investimenti f'infrastruttura tat-toroq aktar effiċjenti, flimkien mal-elettrifikazzjoni tal-vetturi, waħda mill-ftit opportunitajiet ewlenin għal Malta biex tkompli tibni fuq approċċ olistiku għad-dekarbonizzazzjoni u l-progress lejn in-newtralità klimatika. Dawn l-istess ċirkostanzi nazzjonali huma wkoll il-fattur ewleni li jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' linji ferrovjarji.

Dan għandu wkoll implikazzjonijiet għall-ippjanar ta' proġetti u l-flessibbiltà fil-programmazzjoni. Peress li l-Anness I ma jkoprix ir-realtajiet u l-limitazzjonijiet speċifiċi ta' Malta, Malta ser ikollha takkumula mill-proġetti kollha sabiex tilħaq il-miri stabbiliti. Dan jillimita l-possibbiltà li l-proġetti jitfasslu skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' Malta, u dan iħalli ftit li xejn possibbiltà għal proġetti oħra. Malta għalhekk tappella lill-Kummissjoni biex turi l-flessibbiltà meħtieġa waqt l-ippjanar u l-programmazzjoni tal-Fondi minħabba l-uniċità ta' dan il-każ.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

L-Irlanda tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-regolamenti kollha li jiffurmaw parti mill-pakkett leġislattiv dwar il-koeżjoni ta' wara l-2020. L-Irlanda tinnota l-Artikolu 80 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ST 6674/21 + ADD 1 + ADD 2), dwar arranġamenti ta' awditu uniku, u jiddispjaċiha dwar ir-rabta maqbula bejn il-parteċipazzjoni fl-UPPE u l-aċċess għal awditu simplifikat. Minħabba s-sistema tal-liġi komuni tagħha, l-Irlanda mhijiex qed tipparteċipa fl-UPPE u għalhekk ma tistax tagħmel użu minn dawn l-arranġamenti simplifikati tal-awditjar. L-Irlanda temmen li dan imur kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Istati Membri u l-prinċipju minqux fl-Artikolu 327 TFUE li skontu l-kooperazzjoni msaħħa għandha tirrispetta l-kompetenzi, id-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fih.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar l-approvazzjoni tal-prefinanzjament:

Il-limiti massimi tal-pagamenti fir-Regolament QFP qiesu s-suppożizzjoni li l-prefinanzjament kollu jkun approvat kull sena. Il-Kummissjoni tqis li l-qbil milħuq mill-koleġiżlaturi dwar ir-RDK jista' jwassal biex jinqabżu l-limiti massimi applikabbli tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, b'kont meħud tal-profilu ta' pagament mistennija. Dan jista' jirriżulta f'pagamenti b'lura fit-tieni nofs tal-perijodu li jmiss.

Dwar djalogu strutturat taħt Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu:

Id-dispożizzjonijiet adottati mill-koleġiżlaturi jirrikjedu li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu. Il-koleġiżlaturi jirrikjedu wkoll li l-Kummissjoni tinformahom minnufih dwar is-segwitu previst permezz ta' miżuri temporanji għall-użu tal-fondi u tqis kif xieraq il-pożizzjonijiet meħuda u l-fehmiet espressi permezz tad-djalogu strutturat li għalih il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna mill-Parlament jew mill-Kunsill.

Dawk ir-rekwiżiti mhumiex konformi mal-Artikolu 291(2) u (3) TFUE u mar-Regolament dwar il-Komitoloġija Nru 182/2011, li ma jipprevedu ebda involviment tal-Parlament u tal-Kunsill fil-kontroll tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. Dawn jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fejn is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkunu limitati. Għalhekk il-Kummissjoni tista' tissodisfa biss dawn ir-rekwiżiti sakemm dawn ma jaffettwawx is-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha peress li huma rregolati skont l-Artikolu 291 TFUE u r-Regolament dwar il-Komitoloġija Nru 182/2011.

Fi kwalunkwe każ, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu rreplikati f'kuntest legali differenti fejn mhumiex previsti ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu.

Dwar miżuri ulterjuri biex jiġi protett il-baġit tal-UE u Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet billi jkun meħtieġ l-użu obbligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data pprovduta mill-Kummissjoni:

Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Punti 30 sa 33 jirrikjedu li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni sistema ta'

informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u ta' kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-data meħtieġa, bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li jikkooperaw b'mod sinċier tul il-proċedura leġislattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikollhom segwitu fir-rigward ta' dan l-element.

Il-Kummissjoni tqis li l-qbil milħuq mill-koleġislaturi skont l-Artikolu 69(2) (responsabbiltajiet tal-Istati Membri) dwar l-użu obligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u l-ġbir u l-analiżi tad-data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u n-Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet u biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-irregolaritajiet, il-ħruġ tal-finanzjament doppju u l-użu ħażin kriminali tal-fondi. Għalhekk, l-approċċ maqbul mill-koleġislaturi fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni ma jirriflettix b'mod xieraq l-ambizzjoni u l-ispiritu mixtieqa tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz tal-użu ta' perċentwal taż-żamma tal-pagamenti għal programmi taħt ġestjoni kondiviża:

Il-Kummissjoni tqis li l-qbil mill-koleġislaturi biex titnaqqas ir-rata ta' żamma fuq il-pagamenti b'ġestjoni kondiviża minn 10 % għal 5 % joffri riskju akbar li l-baġit tal-UE jħallas ammonti li huma affettwati minn irregolaritajiet.

Biex timminimizza dan ir-riskju, il-Kummissjoni ser tagħmel użu xieraq mill-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti għall-programmi kull meta tqis li r-rata ta' żamma ta' 5 % mhijiex biżżejjed biex tkopri l-ammont ta' kwalunkwe irregolarità potenzjali.